A.L. 183 ta' l-2004

ATT TA' L-2001 DWAR IS-SIGURTÀ TAL-PRODOTTI (ATT NRU. V TA' L-2001)

Regolamenti ta' l-2004 dwar ċertifikati ta' Karattru Speċifiku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu mill-Artiklu 39 ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Sigurtà tal-Prodotti, il-Ministru għall-Kompetitività u Kommunikazzjoni, fuq parir ta' l-Awtorità Maltija dwar l-*iStandards*, għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Isem u Bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar ċertifikati ta' Karattru Speċifiku.

2. Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004.

Tifsiriet

3. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

"karattru speċifiku" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-Artiklu 2(1) tar-Regolament EEC 2082/92;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità Maltija dwar l-*iStandards*;

"Regolament EEC 2082/92" għandu jfisser Regolament tal-Kunsill (EEC) Numru 2082/92 fuq ċertifikati ta' karattru speċifiku għal prodotti tal-biedja u oġġetti ta' l-ikel;[1]

"tikketta" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha mir-Regolamenti ta' l-2002 dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' ħwejjeġ ta' l-Ikel.

Nomina ta' l-Awtorità Kompetenti

4.1 L-Awtorità Maltija dwar l-*iStandards* hija b'dan maħtura bħala l-awtorità kompetenti għall-finijiet tar-Regolament EEC 2082/92.

4.2 Il-Kap tad-Direttorat responsabbli mill-oġġetti ta' l-ikel fl-Awtorità għandu jaħtar Kumitat Permanenti, magħmul minn rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet publiċi u privati li għandhom interess f'ċertifikati ta' karattru speċifiku, biex jgħinu u jagħtu parir

[1] OJ L 208, 24.7.1992, p.9

lill-Awtorità fuq il-materji kollha relatati ma' l- implementazzjoni tar-Regolament EEC 2082/92.

4.3 Il-Kumitat Permanenti msemmi fir-regolament 4.2 għandha jinħatar għal perijodu ta' tliet snin.

4.4 L-ismijiet tal-membri tal-Kumitat Permanenti, u wkoll ta' l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw, għandhom ikunu ppubblikati mill-Awtorità fil-Gazzetta.

4.5 Il-Kumitat Permanenti msemmi fir-regolament 4.2 għandu jirregola l-proċeduri tiegħu.

Pubblikazzjoni ta' Applikazzjoni għal Registrazzjoni

5.1 Wara li tkun irċeviet applikazzjoni għal reġistrazzjoni skond ir-Regolament EEC 2082/92, l-Awtorità għandha tivverifika li l-applikazzjoni hija ġustifikata u għandha tgħaddi l-applikazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea skond l-Artiklu 7(3) tar-Regolament EEC 2082/92.

5.2 Qabel ma tgħaddi l-applikazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea, l-Awtorità għandha tippubblika fil-Gazzetta sommarju ta' kull applikazzjoni mgħoddija lill-Kummissjoni Ewropea skond l-Artiklu 7(3) tar-Regolament EEC 2082/92. Is-sommarju għandu jinkludi:

a) l-isem u l-indirizz ta' l-applikant;

b) l-isem tal-prodott li għalih ikun qed jintalab rikonoxximent;

c) il-punti ewlenin ta' l-applikazzjoni.

5.3 Perjodu ta' xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta għandu jingħata għal kummenti jew oġġezzjonijiet qabel ma l-applikazzjoni tintbagħat lill-Kummissjoni Ewropea.

5.4 Kull persuna naturali jew legali residenti f'Malta li tista' turi interess ekonomiku leġittimu tista' tippreżenta oġġezzjoni formali lill-Awtorità fir-rigward ta' kull applikazzjoni tul il-perijodu ta' xahrejn imsemmi fir-regolament 5.3.

5.5 Fil-każ ta' oġġezzjoni formali a bażi tar-regolament 5.4, l-Awtorità tista', wara li tkun ikkonsultat lill-Kumitat Permanenti:

a) taċċetta l-applikazzjoni oriġinali u tirrifjuta l-oġġezzjoni,

b) tilqa' l-oġġezzjoni u tirrifjuta l-applikazzjoni fit-totalità tagħha,

c) titlob emendi speċifiċi għall-ispeċifikazzjonijiet jew għad-dokumentazzjoni oriġinali sottomessa li tissostanzja l-applikazzjoni.

5.6 Fil-każ ta' applikazzjoni riveduta a bażi tar-regolament 5.5 (ċ), il-perijodu ta' xahrejn imsemmi fir-regolament 5.3 għandu jittawwal b'xahar ieħor wara s-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni riveduta. Il-wasla ta' l-applikazzjoni riveduta għandha tkun notifikata mill-Awtorità fil-Gazzetta.

5.7 Oġġezzjonijiet għal applikazzjonijiet riveduti għandhom ikunu kkunsidrati biss jekk jirreferu għal punti jew dokumenti li jissostanzjaw l-applikazzjoni li ma kinux fl-applikazzjoni oriġinali .

Struttura ta' Spezzjonar

6.1 L-Awtorità għandha, mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru 2004, twaqqaf struttura ta' spezzjonar biex tiżgura li prodotti tal-biedja u oġġetti ta' l-ikel li jkollhom ċertifikat ta' karattru speċifiku jilħqu l-kriterji mniżżlin fl-ispeċifikazzjonijiet.

6.2 Il-prodotti li jiġu prodotti f'Malta, li jaqgħu fl-ambitu tal-finijiet tar-Regolament EEC 2082/92 u li jkollhom ċertifikat ta' karattru speċifiku skond dak ir-Regolament, għandhom ikunu soġġetti għal spezzjoni mill-Awtorità.

6.3 Uffiċjali debitament awtorizzati mill-Awtorità għandhom jingħataw aċċess liberu u bla xkiel għas-siti ta' produzzjoni kollha, inklużi siti fi djar privati fejn din il-produzzjoni tista' tkun qed issir, għall-finijiet ta' spezzjonar.

6.4 Il-Ministru jista', bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-*iStandards*, jippreskrivi l-ħlasijiet li jistgħu jintalbu fir-rigward ta':

a) spezzjoni ta' prodotti tal-biedja u oġġetti ta' l-ikel li jkollhom ċertifikat ta' karattru speċifiku :,

b) reġistrazzjoni ta' produttur skond ir-regolament 6.5.

6.5 Għandu jinżamm reġistru mill-Awtorità għal kull prodott prodott f'Malta, li jkun ingħata ċertifikat ta' karattru speċifiku skond ir-Regolament EEC 2082/92 u soġġett għal spezzjoni mill-Awtorità. Reġistrazzjoni għandha tkun obbligatorja għall-produttur ta' dawn il-prodotti.

6.6 Ir-reġistru msemmi fir-regolament 6.5 għandu jkun miftuħ għall-produtturi kollha li jikkonformaw mal-ħtiġiet imniżżlin fl-ispeċifikazzjoni.

6.7 Il-persuni kollha mniżżlin fir-reġistru msemmi fir-regolament 6.5 għandhom ikunu suġġetti għal spezzjonijiet kemm perjodiċi u kemm għall-għarrieda f'intervalli li jkunu determinati mill-Awtorità, waqt li jittieħed kas tan-natura tal-prodott, l-istaġuni tiegħu, kemm x'aktar jista' jkun hemm devjazzjoni mill-ispeċifikazzjoni tal-prodott, ir-riskju potenzjali għas-saħħa umana li jista' jirriżulta minn prattiki agrikoli u iġjeniċi ta' livell baxx, il-fama tal-prodott, u n-numru u distribuzzjoni ta' produtturi .

6.8 Ir-reġistru għandu jkun fih id-dettalji li ġejjin għal kull produttur:

a) isem il-produttur individwali,

b) numru ta' identifikazzjoni uniku, li għandu jkun determinat mill-Awtorità,

c) l-indirizz jew lokalità tas-sit jew siti ta' produzzjoni jew kultivazzjoni, b'referenza għal dawk is-sistemi ta' identifikazzjoni li jistgħu jkunu determinati mill-Awtorità,

d) informazzjoni rilevanti għall-prodott, kif tista' tkun determinata mill-Awtorità.

6.9 Isem l-Awtorità Maltija dwar l-*iStandards*, jew simbolu li jista' jkun determinat mill- Awtorità, għandu jidher fuq it-tikketta ta' prodotti tal-biedja jew oġġetti ta' l-ikel mogħtijin ċertifikat ta' karattru speċifiku a termini tar-Regolament EEC 2082/92 u soġġetti għal spezzjoni mill-Awtorità, flimkien ma':

a) n-numru ta' identifikazzjoni tal-produttur imsemmi fir-regolament 6.6 (b),

b) l-isem speċifiku tal-prodott, kif reġistrat skond ir-Regolament EEC 2082/92,

c) waħda mit-titoli li ġejjin, immedjatament wara l-isem speċifiku tal-prodott:

i) ‘Speċjalità Tradizzjonali Garantita’

ii) ‘STG’

d) jekk wieħed irid, waħda minn dawn it-titoli li ġejjin bl-Ingliż:

i) ‘Traditional Speciality Guaranteed’

ii) ‘TSG’

e) jekk wieħed irid, is-simbolu tal-Komunità stabbilit mir-Regolament tal-Kummissjoni (EEC) Numru 1848/93[2].

Projbizzjoni ta’ Pretensjonijiet Mhux Awtorizzati

6.10 L-Awtorità għandha taqta’ mir-reġistru lil kull persuna li tirrifjuta ripetutament li tikkoopera ma’ l-Awtorità waqt il-proċess ta’ spezzjoni, jew li ma tkunx qed tipproduċi skond l-ispeċifikazzjoni il-prodott in kwestjoni.

7.1 Ebda persuna ma tista’ tuża:

a) t-termini kollha msemmija fir-regolament 6.9(ċ),

b) s-simbolu determinat mill-Awtorità skond ir-regolament 6.9;

c) s-simbolu tal-Komunità stabbilit mir-Regolament tal-Komunità (EEC) Numru 1848/93;

d) kull terminu jew simbolu ieħor maħsubin biex jagħtu l-impressjoni li l-prodott ingħata rikonoxximent a termini tar-Regolament EEC 2082/92, fl-ittikkettjar, preżentazzjoni jew riklamar ta’ xi prodott tal-biedja jew oġġett ta’ l-ikel li ma ngħatax rikonoxximent skond ir-Regolament EEC 2082/92.

[2] OJ L 168 , 10.07.1993, p.35